MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 486/1994/1

**Raymond Cassar**

**vs**

**Anne Cassar nee` Busuttil**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Din hija kawza bejn zewg persuni mizzewgin li permezz taghha r-ragel, l-attur Raymond Cassar qieghed jitlob li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-7 ta' Settembru 1990, jigi dikjarat null u bla effett fuq l-

allegazzjoni li l-kunsens tal-konvenuta martu (Anne Cassar nee` Busuttil) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anke b'simulazzjoni. L-attur qieghed jitlob ukoll li jinheles mill-obbligu li jhallas manteniment lill-konvneuta, la darba l-htija ta' l-annullament taz-zwieg ma kienx tieghu.

2. Il-konvenuta opponiet it-talbiet ta' l-attur billi allegat li z-zwieg bejn il-kontendenti kien validu meta sar u ma kienux jezistu ebda cirkostanzi legali li b'effett taghhom jista' jinghad li z-zwieg kien null.

3. B'sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-17 ta' Ottubru 2001, intlaqghet l-ewwel domanda ta' l-attur u ddikjarat null u bla effett iz-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-7 ta' Dicembru 1990, u dan minhabba difett fil-kunsens moghti miz-zewg kontendenti minhabba simulazzjoni, cioe` a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar Iz-Zwieg, u cahdet it-tieni domanda ta' l-attur u ordnat li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

4. Ma' din is-sentenza qeghdha tigi annessa bhala appendici kopja tas-sentenza imsemmija fil-paragrafu precedenti biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza, u dana billi fiha hemm migjuba d-dettalji kollha tat-talba ta' l-attur, tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, ta' l-*iter* processwali u tal-motivazzjoni li fuqha l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzjonijiet taghha.

**<u>II L-APPELL</u>**

5. Il-konvenuta hassitha aggravata minn din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u ghar-ragunijiet indikati minnha fir-rikors ta' l-appell, hija talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li z-zwieg in kwistjoni kien wiehed validu u jekk jidhrilha xieraq, terga' tibghat l-atti lura sabiex jitkomplew jinstemghu l-provi.

6. L-attur ikkontesta l-appell kif ukoll ressaq appell incidentali. Hu talab, ghar-ragunijiet esposti minnu fir-risposta ta' l-appell tieghu, li fl-ewwel lok, l-appell tal-konvenuta ghandu jigi michud ghaliex huwa null, fieragh u vessatorju u dan bl-applikazzjoni tas-sanzjoni ta' spejjez

doppji skond l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12. Fit-tieni lok l-attur talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu laqghet l-ewwel talba u iddikjarat null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg; tirrevokaha inkwantu dan ghamlitu minhabba difett fil-kunsens moghti miz-zewg kontendenti; u minflok tiddeciedi li dan kien dovut ghad-difett fil-kunsens moghti mill-konvenuta appellanti. L-attur talab ukoll li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti inkwantu cahdet it-tieni talba attrici u minflok tilqa' l-istess talba u ghalhekk tiddeciedi li la darba l-htija ta' l-annullament mhix ta' l-attur, dan ghandu jigi mehlus minn kull obbligu li jhallas manteniment lill-konvenuta, ghal zmien hames snin wara l-pronunzjament ta' l-annullament skond il-ligi. Fl-ahharnett, l-attur talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu din ordnat li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti u talab li jigi ordnat li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenuta appellanti.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

7. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tieghu, l-attur appellat jikkummenta li r-rikors ta' l-appell tal-konvenuta "gie redatt b'mod xejn ortodoss". Din il-Qorti tikkondividi sostanzjalment dak li jinghad f'dan l-ewwel paragrafu tar-risposta imsemmija, pero` ma jidhrilhiex li d-difetti fir-rikors imsemmi, u li gew sottolineati mill-attur, kienu jwasslu ghall- estrem li l-istess rikors ta' appell ikun kwalifikat bhala li huwa null. L-iskop li trid tasal ghalih il-konvenuta appellanti jirrizulta car mir-rikors ta' appell taghha, u ghalhekk, *nonostante* li certament dan ir-rikors fih diversi difetti, pero`, xorta wahda jista` u ghandu jkun salvat biex din il-Qorti tkun tista' tezamina l-mertu proprju tal-kawza.

8. Ghandu jigi mill-ewwel rilevat li t-talba principali ta' l-attur kif temergi mic-citazzjoni odjerna, u *cioe`,* li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null, kienet bazata fuq zewg allegazzjonijiet separati, kull wahda b'kawzali legali partikolari. L-attur qieghed jallega li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat:

- "b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju dwar il-hajja matrimonjali, jew dwar id-drittijiet u obbligi

essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

- bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja taz-zwieg, jew tad-dritt ghall-att konjugali."

9. Fil-mori ta' din il-kawza, ezattament fl-24 ta' Novembru 1999, din il-Qorti (cioe` l-Qorti ta' l-Appell), fuq talba ta' l-odjerna konvenuta ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex *ai termini* ta' l-Artikolu 23, 24 u 28 tal-Kap. 255 jirregistra kif imiss id-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, ippubblikata fit-8 ta' Mejju 1999, (Prot. No 94/31). Din id-dikjarazzjoni cahdet it-talba ta' l-attur odjern u iddikjarat li ma kienx konstatat inabilita` da parti ta' l-odjerna konvenuta biex tassumi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg. Is-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku tinsab esebita fl-atti tal-process minn fol. 194 sa fol. 216 (kif ukoll minn fol. 230 sa 252) filwaqt li d-digriet ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru 1999 jinsab esebit a fol. 217 tal-process.

10. Dan ifisser li l-imsemmi digriet ta' din il-Qorti irrikonoxxa d-dikjarazzjoni tal-validita` taz-zwieg moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku li cahad it-talba ta' l-attur odjern, liema talba kienet wiehed jista' jghid identika ghall-ewwel kawzali kontenuta fic-citazzjoni odjerna. Apparti l-kwistjoni jekk tezistix inkompatibilita` bejn iz-zewg allegazzjonijiet (imsemmija fil-paragrafu 8 *supra*) avvanzati kontra l-konvenuta, jidher li l-attur, meta sab ruhu rinfaccjat bid-digriet ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru 1991, ma baqax jinsisti fuq din l-ewwel kawzali ta' l-annullament. Infatti, fl-appell incidentali tieghu, l-attur <u>ma talabx</u> li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti in kwantu din ukoll ma sabitx li setghet tiddikjara n-nullita` taz-zwieg in kwistjoni fuq l-imsemmija l-ewwel kawzali, li hija bazata fuq id-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255. Din il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti (li stranament mhix riflessa fid-dispozittiv ta' l-istess

sentenza) allura wiehed jista' jikkonsidraha li ghaddiet f'gudikat.

11. Certament, l-imsemmi digriet ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru 1999 ma jippregudikax it-talba ta' l-attur ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg kif minnu bazata fuq it-tieni kawzali dedotta fl-att tac-citazzjoni, *cioe*`, il-kawzali tas-simulazzjoni skond l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 li jiddisponi li zwieg ikun null:
"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".

12. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn spjegaw in-natura guridika ta' dan id-difett tal-kunsens matrimonjali. Fil-kawza Muscat vs Borg Grech, l-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla spjegat li:
"Ghalhekk, min estranament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta` tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."

Fis-sentenza fl-ismijiet Alfred Tonna vs Mario Tonna, moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla fil-31 ta' Jannar 1996 (Koll. Vol. LXXX – 11 – 1236), gie ritenut hekk:
"Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att posittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) (ara, f'dan is-sens, **Muscat *vs* Borg Grech**, Prim Awla, 14 ta' Awissu, 1995).

13. L-attur appellat ma jallegax fic-citazzjoni odjerna li kien hemm xi vizzju tal-kunsens da parti tieghu a bazi ta' simulazzjoni kif din temergi mill-imsemmi Artikolu 19(1)(f)

tal-Kap. 255. L-attur qieghed javvanza din l-allegazzjoni unikament fil-konfront tal-konvenuta. Din, min-naha taghha kienet u baqghet dejjem tichad din l-allegazzjoni bil-qawwa kollha taghha. Ma hemmx ghalfejn jinghad li l-oneru tal-prova ta' l-istess allegazzjoni jinsab unikament fuq spallejn l-attur, billi kif jinghad *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

14. Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita`. Semplici suspetti jew suppozizzjonjiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova wkoll li l-konvenuta, b'att pozittiv tal-volonta` taghha, fil-verita` cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att posittiv tal-volonta` taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi *actore non probante reus absolvitur.*

15. L-Att Dwar Iz-Zwieg (Kap. 255) ma fih l-ebda lista jew spjegazzjoni ta' dawk l-elementi tal-hajja mizzewga li jissemmew fl-imsemmi Artikolu 19(1)(f). Madanakollu, ta' spiss il-Qrati taghna jadoperaw f'dan ir-rigward l-elementi essenzjali taz-zwieg li jemergu mill-kazistika pjuttost vasta tat-Tribunali Ekklezjastici li jinterpretaw id-Dritt Kanoniku fuq is-suggett in kwistjoni, u cioe`, il-fedelta` fiz-zwieg (bonum fidei)[1]; l-indissubilita` taz-zwieg jigifieri li z-zwieg huwa ghal dejjem (bonum sacramenti)[2]; il-prokreazzjoni

[1] Mainzer vs Mainzer, Qorti Civili Prim Awla, 14 ta' Dicembru 1993, u ohrajn
[2] Rapport Peritali fil-kawza Magri vs Magri, Qorti Civili Prim Awla, 14 ta' Lulju 1994

kif ukoll it-trobija ta’ l-ulied (bonum prolis)[3] kif ukoll dak li jissejjah komunita` ta’ hajja (bonum coniugum)[4].

16. L-gharef perit legali nominat mill-ewwel Qorti irrelata li z-zwieg, fil-fehma tieghu, kellu jigi dikjarat null peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Il-perit legali, *inter alia* irrelata hekk:
“L-esponenti hu konvint illi hareg fid-deher fl-ahhar ta’ l-gherusija bejn il-kontendenti, l-indhil u oppozizzjoni tal-familja ta’ l-attur ghall-konvenuta u r-rabta ta’ l-attur maghhom li wasslu jhedded ma jizzewgux jekk ma jsirx trasferiment ta’ l-art. Hareg car ukoll il-konsegwenti atteggjament iebes tal-konvenuta li kienet lesta tersaq ghac-cerimonja taz-zwieg pero` konvinta li l-gharus taghha ma kienx *committed* lejha izda lejn familtu u dan wrietu bi kliemha u l-atteggjament taghha waqt ic-cerimonja tat-tieg. Din ir-rabta dghajfa dehret ukoll bit-tul ta’ zmien ta’ l-gherusija u l-falliment totali taz-zwieg sa mill-bidu taz-zwieg innifsu. Il-kontendenti t-tnejn dahlu ghal zwieg neqsin mill-fiducja lejn xulxin u b’nuqqas serju li jghixu l-hajja mizzewga fit-totalita` taghha ad eskluzjoni ta’ kollox. Huma naqsu mill-obbligu ta’ fiducja lejn xulxin u fil-fatt ma ghexux il-hajja taz-zwieg, hajja ta’ komunjoni bl-intenzjoni li jkollhom relazzjoni interpersonali li ssib il-milja taghha fil-hajja mizzewga.”

17. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ikkondividiet bis-shih l-opinjoni msemmija tal-perit legali. Hija iccitat fis-sentenza taghha l-bran appena riprodott u immotivat l-akkoljiment tat-talba ta’ l-attur ghall-annullament taz-zwieg fuq similazzjoni b’dawn il-kliem:
“Il-Qorti hi tal-fehma li s-suggezzjoni kwazi totali ta’ l-attur ghal dak li kien ifesfislu jew jimponilu missieru u l-ebbusija tar-ras tal-konvenuta jimmilitaw favur l-akkoljiment tat-talba fid-dawl ta’ dan is-subinciz. L-attur hassu kuntent u sodisfatt li kienet irnexxietlu l-manuvra orkestrata minn missieru u haseb li kien rebah il-gwerra; dik ir-rebha kienet biss battalja importanti imma l-gwerra ma

[3] Gauci vs Dr. Mario Felice et noe, Qorti Civili Prim Awla 11 ta’ Gunju 1995, u ohrajn
[4] Zinn vs Dr. Tonio Mallia et noe, Qorti Civili Prim Awla, 14 ta’ Awissu 1995, u ohrajn

rebahhiex. Il-kovenuta, li aktarx fehmet l-importanza ta' dik il-glieda pero` hasbet li *una volta* tizzewweg tkun tista' tilhaq dak kollu li riedet, falliet ukoll fl-iskopijiet taghha; il-fatti wrewha li dan ma kienx ta' importanza finali ghal hajjitha u kien ikun ferm ahjar ghaliha u anke ghall-attur kieku baqghet xebba (dawn il-konsiderazzjonijiet jeskludu l-ferh u l-imhabba li t-twelid tat-tarbija gab mieghu ghalkemm dan kien ghal kollox mahrug mis-sentimenti u mill-hajja tal-kontendenti bhala koppja mizzewga) u iddecidiet li ma tkomplix biz-zwieg ftit sighat wara;"

18. Fl-appell taghha l-konvenuta qeghdha titlob lil din il-Qorti li joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata li iddikjarat li z-zwieg in kwistjoni kien null u bla effett. Dan jimplika talba li l-konvenuta qeghdha taghmel lil din il-Qorti sabiex hija tgharbel sewwa mill-gdid il-provi akkwiziti fil-kors tal-process u tivvalutahom diversament minn kif ivvalutathom l-ewwel Onorabbli Qorti. Ma hemmx ghalfejn wiehed jenfasizza li bhala linja ta' massima din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet. Madanakollu, din il-Qorti ghandha s-setgha li taghmel dan jekk ikollha raguni serja li taghmel hekk dejjem sabiex tevita li ssir xi ingustizzja mal-parti.

19. Ghandu jigi rilevat li fil-kaz odjern, il-provi jikkonsistu principalment *f'affidavits* tal-kontendenti u ta' diversi persuni ohra li huma ressqu bhala xhieda. Hemm ukoll diversi depozizzjonijiet orali li l-perit legali nominat mill-ewwel Onorabbli Qorti gabar waqt is-seduti li huwa zamm mal-partijiet u d-difensuri taghhom. Din il-Qorti qeghdha tirreleva din ic-cirkostanza billi jidhrilha li meta l-ewwel Qorti adoperat dan il-metodu fil-gbir tal-provi, hija poggiet ruhha f'pozizzjoni pjuttost zvantaggjata billi hija ma kellhiex l-opportunita` li tisma' l-provi hija stess u b'hekk ma kellhiex l-opportunita` li tosserva l-komportament tal-persuni li kienu qed jiddeponu fil-pedana tax-xhieda. Dan l-izvantagg necessarjament ipoggi lill-ewwel Qorti kwazi fl-istess qaghda li din il-Qorti llum tinsab fiha. Isegwi li l-principju msemmi fil-paragrafu precedenti ma jkunx jorbot daqstant f'cirkostanzi bhal dawn.

20. Din il-Qorti, ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha akkwiziti fil-process, u bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, wasslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni raggunta minnha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur ma rnexxielux jaghmel prova sodisfacenti u konvincenti li l-konvenuta, b'att pozittiv tal-volonta` taghha eskludiet iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma taqbilx li fil-process hemm provi u indizji sufficjenti li jippruvaw li l-konvenuta hija hatja li ssimulat il-kunsens taghha b'mod li b'att pozittiv taghha hija ma rieditx iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

21. Certament l-antagonizmu konsistenti lejha da parti tal-familjari ta' l-attur, kif ukoll il-mod verament goff u deplorevoli li l-attur ittratta lill-gharusa tieghu ftit sighat qabel ic-celebrazzjoni tat-tieg, meta heddidha li ma kienx bi hsiebu jersaq ghaz-zwieg jekk huha ma jitrasferixxix dakinhar stess l-art li kienet inxtrat (bi flus missier il-konvenuta) fuq ismu, cioe` fuq l-isem l-attur, ma setax ma jweggax bil-kbir qalb il-konvenuta.

22. Din il-Qorti jidhrilha li l-*video* tat-tieg prodott mill-attur, u li jinsab fl-atti tal-process, minflok ma jikkorrobora t-tezi ta' l-istess attur, pjuttost aktar jikkorrobora t-tezi tal-konvenuta, li konsistentement sostniet li hija qatt ma ittradixxiet lill-attur u qatt ma kienet hatja ta' simulazzjoni. Dan il-*video* juri generalment gharusa hosbiena, bierda u sobghiena fir-relazzjoni ma' l-gharus taghha. Min, bhal din il-Qorti, kienet konxja ta' dak li kienet ghadha kif ghaddiet minnu l-konvenuta ftit sighat qabel ic-celebrazzjoni tat-tieg taghha, ma tantx jistaghgeb bid-dehra pjuttost stramba ta' din l-gharusa. Il-konvenuta, infatti, kienet ghadha taht l-effett ta' l-azzjoni hazina li l-attur ghogbu jaghmlilha ftit sighat qabel il-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet tkun hatja ta' simulazzjoni kieku l-konvenuta, minflok ma mxiet bl-iskjettezza li tidher fil-*video* imsemmi, uriet wicc b'iehor, dehret kuntenta u bi tbissima perenni fuq wiccha, kompliet ma' l-gharus u l-mistiednin bhal li kieku qatt ma kien gara xejn.

23. Minn ezami ta’ l-assjem tal-provi – li l-Qorti ma thossx in-necessita` li tirrepeti hawn peress li dawn jinsabu sostanzjalment tajjeb riprodotti fis-sentenza appellata – din il-Qorti jidhrilha li l-konvenuta, imwegga’ kemm kienet imwegga’, meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija xorta wahda kienet taf ezattament x’kienet qeghdha taghmel, u cioe`, li hija tat lilha nnifisha lill-attur ghal tul hajjitha kollha. Il-konvenuta kellha volonta` shiha li taghmel dan ghaliex mhemm xejn fil-provi li jimmanifesta, lanqas implicitament, li hija rieditx taghmel hekk.

24. Din il-Qorti sejra tipproduci hawn silta zghira mill-*affidavit* tal-konvenuta. A fol. 33 tal-process hija tghid hekk:
“Qabel bdiet ic-cerimonja taz-zwieg, l-attur staqsieni kif kont u jien ghidtlu li kont hazina, u dan ghaliex kont ghadni ma ridtx nemmen b’dak li kien gara ftit sighat qabel. Dan ghidtu b’referenza ghall-fatt li qatt ma kont nahseb li l-attur kien ser jasal biex jaghmel agir hekk drastiku li bih hasadni ghax rajtu differenti: kien jaf jhedded (jekk ma jiehux l-art ma jigix ghat-tieg), kien jaf jirrecta u anke ma kien jafdani xejn. Kienet haga kbira ghalija li f’dik il-gurnata hekk sabiha kelli niskopri dan kollu. Kieku ghidt lill-attur li kont tajba f’dan ir-rigward kont inkun qed nigdeb. L-attur kien ferhan waqt ic-cerimonja kollha. Waqt ic-cerimonja kollha jiena kont naf ezattament x’inhu jigri, kont naf preciz ghalxiex diehla, u ghalija z-zwieg hu haga serja li dhalt ghalih b’konsapevolezza shiha tieghu. Jiena ma ridtx li din l-attitudni tidhol bejnietna, anke jekk l-attur kien ghamel dak li ghamel, u ghalhekk ghamilt sforz biex ninsa kollox halli l-affarijiet bejnietna jkunu kif dejjem xtaqt.”

25. L-assenza fl-iskambjar ta’ affetti waqt it-tieg kif ukoll id-diversi diffikultajiet li qamu bejn il-konjugi Cassar <u>wara t-tieg</u>, fix-xhur li qattghu jghixu flimkien, ma jimplikawx li kien hemm xi vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenuta <u>fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens taghha</u>. Verament, id-diffikultajiet li nqalghu wara, ma kienux diffikultajiet tant kbar li ma setghux jigu sorvolati b’doza tajba ta’ sens

komun u rieda tajba. Li dan ma sarx, ma jfissirx li z-zwieg kien null *ab initio* billi kien hemm xi mankanza da parti tal-kunsens tal-konvenuta.

26. Iz-zwieg x'aktarx tfarrak ghaliex *nonostante* li l-partijiet irrizulta li kienu t-tnejn persuni istruwiti u maturi, pero` xorta wahda jidher li ma rnexxielhomx jidentifikaw sewwa r-ragunijiet tad-dizgwid li kellhom bejniethom u ma gharfux li jiehdu, *a tempo vergine*, il-passi rimedjali necessarji. Sfortunatament jidher li l-partijiet hassewhom aktar komdi li ma jinqatghux minn mal-familjari rispettivi taghhom. Jidher li wara z-zwieg huma baqghu konsistentament ghatxana ghall-appogg, konfort u zeghil tal-familjari rispettivi taghhom. Il-partijiet ma ntebbhux li dan ma kien pass ghaqli xejn u li kien ikun ferm ahjar ghalihom li jasserixxu l-indipendenza taghhom, jidhlu ghas-sagrificcji u riskji li dan il-pass kien jimporta, u jinvestu fl-akkrexximent ta' relazzjoni soda bejniethom bhala koppja u familja gdida separata mill-familjari taghhom. Dan kollu l-partijiet kien imisshom ghamluh, sa mill-bidu nett li huma zzewgu u wisq u wisq aktar fl-istadju meta twieled iben il-kontendenti.

27. Din il-Qorti jidhirlha li n-nuqqasijiet ravvizati ma kienux iwasslu ghal xi prova sodisfacenti ta' l-eskluzjoni posittiva ta' xi element essenzjali taz-zwieg jew xi simulazzjoni da parti tal-konvenuta fl-ghoti tal-kunsens taghha. *Se mai* l-istess nuqqasijiet li jinsabu elenkati fil-process u li johorgu mill-verzjonjiet konfliggjenti li taw il-partijiet, jinducu ghall-otteniment ta' separazzjoni personali, izda mhux ghall-otteniment ta' annullament taz-zwieg. Illi konsegwetement l-appell tal-konvenuta sejjer jigi milqugh.

28. Fl-appell incidentali tieghu, l-attur qieghed jitlob li dina l-Qorti tiskarta dik il-parti tas-sentenza appellata li biha ta t-tort ta' dak li gara wkoll lill-attur minhabba l-insistenza tieghu li jsir il-kuntratt li permezz tieghu nofs l-art li kellha tinbena d-dar konjugali ddur fuqu u li allura waslet ukoll ghall-konkluzjoni li anke l-kunsens ta' l-esponent kien vizzjat, meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz. L-attur talab li dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu

laqghet l-ewwel talba attrici  u iddikjarat null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta’ Dicembru 1990, *a tenur* ta’ l-Artikolu 19(1)(f) ta’ l-Att Dwar Iz-Zwieg, u tirrevoka dik il-parti fejn irriteniet li l-kunsens moghti miz-**zewg kontendenti** huwa difettuz, u minflok tiddeciedi li l-kunsens tal-konvenuta appellanta biss kien vizzjat.

29. Kif rajna, meta din il-Qorti ezaminat l-appell principali ta’ l-appellanti, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda nullita` ta’ zwieg minhabba vizzju tal-kunsens tal-konvenuta a bazi ta’ l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255. Isegwi allura li l-appell incidentali ta’ l-attur, in kwantu qieghed jitlob bih dikjarazzjoni in kontradizzjoni ta’ din il-konkluzjoni tal-Qorti, necessarjament ikun infondat u ma jistax jintlaqa’.  Mill-banda l-ohra, jirrizulta bic-car li la l-attur u lanqas il-konvenuta ma allegaw li kien hemm xi vizzju tal-kunsens matrimonjali da parti ta’ l-attur.  F’dan ir-rigward ghandu jigi enfasizzat li l-attur lanqas ghamel xi talba f’dan is-sens fic-citazzjoni odjerna. Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li biha gie dikjarat in-nullita` taz-zwieg minhabba difett fil-kunsens moghti miz-**zewg** kontendenti hija manifestiment *ultra petita* fil-konfront ta’ l-istess attur.

30. Jibqa’ biss it-talba ta’ l-attur fl-appell incidentali tieghu sabiex din il-Qorti joghgobha tilqa’ t-tieni talba tieghu kontenuta fl-att tac-citazzjoni.  B’din it-talba l-attur qieghed jitlob li huwa jigi mehlus minn kull obbligu li jhallas manteniment lill-konvenuta la darba l-htija ghall-annullament taz-zwieg mhix ta’ l-attur.  Evidentement din it-talba ma tistax tigi akkolta minhabba li din il-Qorti diga` waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel talba ta’ l-attur mhemmx lok li tintlaqa’.

31. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuta u mill-appell incidentali ta’ l-attur billi tilqa’ l-appell tal-konvenuta,thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, *previa* li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-istess konvenuta, tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur kontenuti fl-att tac-citazzjoni.  L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kollha mill-attur appellat.

Deputat Registratur
Mg

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Prim Awla Civili fis-17 ta’ Ottubru, 2001, qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------